**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 236**
**It-Tnejn, 29 ta' April, 2024 fl-4:00 p.m.**

**BOZOZ FIT-TOROQ ARTERJALI - MANUTENZJONI**

**17469. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-bozoz fit-toroq arterjali u jekk hemmx xi tim li jdur u jiċċekkja jew jekk jistennewx li jidħlu r-rapporti? Jista' jgħid ukoll kif jiġi garantit li t-toroq f'Malta huma mdawwlin biżżejjed?

15/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**KAROZZI RREĠISTRATI BIN-NUMBER PLATE SEWDA**

**17470. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn karozzi rreġistrati bin-number plate sewda (vintage motor vehicle)? Jista' jgħid ukoll kif jiġi assigurat li dawn il-karozzi jilħqu l-kriterji neċessarji?

15/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 236
29/04/2024

**KAROZZI RREĠISTRATI BIN-NUMBER PLATE ĦAMRA**

**17471. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn karozzi rreġistrati bin-number plate ħamra (karozzi li jistgħu jinstaqu fil-weekend)? Jista' jgħid ukoll kif jiġi assigurat li dawn il-karozzi jilħqu l-kriterji neċessarji?

15/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' karozzi rreġistrati bil-pjanċi ħomor huwa ta' 3,839.

Transport Malta tassigura li dawn il-vetturi jiġu użati skont l-Att 368, ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR, li jintużaw fit-toroq f'Malta unikament u esklussivament nhar ta' Ġimgħa minn 1800hrs 'il quddiem, nhar ta' Sibt, Ħdud, fil-festi nazzjonali u fi btajjel pubbliċi oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**KAROZZI TAL-LINJA LI ILHOM JINTUŻAW GĦAL IKTAR MINN GĦAXAR SNIN**

**17472. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-flotta tal-karozzi tal-linja ilhom jintużaw għal iktar minn għaxar snin u jagħti n-numru u l-persentaġġ?

15/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi b'kollox hemm total ta' mija erbgħa u għoxrin (124) karozza tal-linja li ilhom jintużaw għal iktar minn għaxar snin. Madankollu, l-ebda minn dawn il-karozzi tal-linja ma qabżu il-ħmistax-il sena.

Seduta 236
29/04/2024

**GOLDEN PASSPORTS**

**17473. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu 'golden passports' kull sena minn meta nfetħet? Jista' jippreżenta tabella taċ-ċittadinanza oriġinali tal-applikanti li tindika wkoll in-numru u l-persentaġġ tat-total tal-passaporti minn din l-iskema?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għar-rapport annwali maħruġ mir-Regolatur li hu maħtur bis-saħħa tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188), u li jkun impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**IDENTITÀ - TAQSIMA TAL-COMPLIANCE – DATA TAT-TWAQQIF**

**17474. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14317, fejn intqal:
"Infurmat li l-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.
Infurmat ukoll li t-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa",
jista' l-Ministru jgħid id-data meta twaqqfet it-Taqsima tal-Compliance fi ħdan l-Aġenzija Identità?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-Taqsima tal-Compliance fi ħdan l-Aġenzija Identità twaqqfet f'nofs Ġunju tal-2022.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17880. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17881. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Tista' tindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm nfieq ta' flus fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17882. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17883. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-każ tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, r-risposta hija fin-Negattiv.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17884. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni mitluba fuq artikli fuq *online portals* għall-perjodu 1 ta' Jannar u 31 ta' Marzu 2024.

Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17885. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara l-artiklu? Tista' tindika wkoll liema minn dawn kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ – TOBBA ASSENJATI LILL-BORD**

**18201. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12533 u jgħid kemm kien hemm tobba assenjati lill-bord biex jiċċertifikaw nies li japplikaw għall-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll min kienu dawn it-tobba u għal kemm żmien servew?

10/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**PENSJONI TAL-INVALIDITÀ – PERSUNI ĊERTIFIKATI BĦALA 'INVALIDI'**

**18202. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12534 u jgħid kemm ġew ċertifikati persuni bħala 'invalidi' u ħadu l-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

10/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.
Seduta 236
29/04/2024

**GĦAWDEX - QORTI - PERSUNI RESPONSABBLI MIS-SISTEMI TAL-IT U VIDEO CONFERENCING**

**18348. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fil-Qorti ta' Għawdex m'hemmx persuna responsabbli mis-sistemi tal-IT u video conferencing tant li kull darba li qed ikun hemm problema l-Qorti jkollha tieqaf jew tipposponi? Jista' jgħid ukoll meta se jara li jkun hemm persuna kwalifikata u responsabbli minn dan?

11/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sitwazzjoni li jkun hemm xi ħadd appositu dedikat fuq is-sit ta'Għawdex ħa tkun risolta fil-futur qarib.

Seduta 236
29/04/2024

**GĦAWDEX - SISTEMA TA' MAĠISTRATI LI JAĦDMU BISS FUQ L-INKJESTI**

**18349. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex is-sistema ta' Maġistrati li jaħdmu biss fuq l-Inkjesti ma tapplikax għall-Inkjesti f'Għawdex u l-Maġistrati li jaħdmu f'Għawdex qed ikollhom jagħmlu dawn l-Inkjesti minkejja li huma mgħobbija b'xogħol ieħor?

11/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dmirijiet tal-Ġudikanti u l-assenjazzjonijiet tal-kawżi hija prerogattiva tal-Prim Imħallef. Sadanittant, ninforma lill-Onorevoli Interpellant, li fiż-żmien li ġej ser tkun qed titnieda konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma fis-settur tal-inkjesti.

Seduta 236
29/04/2024

**IL-BELT VALLETTA - TRIQ IL-MERKANTI - STABBILIMENTI TAL-IKEL AWTORIZZATI BIEX IKOLLHOM IMWEJJED U/JEW SIĠĠIJIET FIT-TRIQ**

**18473. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm stabbilimenti tal-ikel, irrispettivament mill-mod kif deskritti, fi Triq il-Merkanti, fil-Belt Valletta, li huma awtorizzati mill-Awtorità tal-Artijiet biex ikollhom imwejjed u/jew siġġijiet fit-triq?

16/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**MCCAA - DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) - RIKORSI**

**18474. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17808, jista'd-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali jagħti r-referenza tal-kawża, inklużi l-ismijiet tal-partijiet involuti? Jista' jwieġeb ukoll it-tieni parti tal-mistoqsija u jgħid x'kienet in-natura tat-talba da parti tad-Direttur Ġenerali u b'mod partikolari x'tip ta' sanzjoni u/jew penali qed tintalab mill-Qorti?

16/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi **l-**kawża ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) hija Rikors Numru 82/2023 ISB .
F'dan ir-rikors id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) talbet id-dikjarazzjoni tal-ksur tal-artikoli relevanti fit-Taqsima VII u fit-Taqsima VIII tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta) u tar-regolamenti rilevanti tal-Leġiżlazzjonijiet Sussidjarji 378.12 u 378.17.
Is-sanzjonijiet u/jew penali li qed jintalbu mill-Qorti jinkludu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' tħaris skont l-artikolu 12G tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u li s-soċjetà konvenuta.

Seduta 236
29/04/2024

**TRATTAT BEJN L-ISTAT MALTI U L-KNISJA - ANNEXES**

**18506. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17690 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid x'kien hemm bħala ftehim fl-Annexes 1 sa 6 fit-Trattat bejn l-Istat Malti u l-Knisja fl-1991?

17/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-trattat bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta fuq l-Iskejjel tal-Knisja ma jidher li hemm l-ebda Annex.

Seduta 236
29/04/2024

**TRATTAT BEJN L-ISTAT MALTI U L-KNISJA - ANNEXES**

**18507. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17690 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid x'kien hemm bħala ftehim fl-Annexes 1 sa 6 fit-Trattat bejn l-Istat Malti u l-Knisja fl-1991?

17/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-Onor. Interpellant għandu jirreferi għall-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, Kapitlu 358 li jirregola l-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede.

Seduta 236
29/04/2024

**EUROPEAN DISABILITY CARD - DRITT LI TAQBEŻ IL-KJU GĦALL-VAPUR TA' GĦAWDEX**

**18510. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk persuna b'diżabilità li jkollha l-European Disability Card għandhiex dritt li taqbeż il-kju għall-vapur ta' Għawdex bħalma għandhom dritt il-persuni li għandhom il-blue badge?

17/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpanija tagħti prijorita lill-passiġġiera li jkollhom il-European Disability Card, bħalma tagħmel mal-passiġġiera li jkollhom il-blue badge.

Seduta 236
29/04/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – GĦASSA**

**18511. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li terġa' tinfetaħ l-għassa ta' San Pawl il-Baħar?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-għassa prinċipali tad-Distrett hija dik tal-Qawra' filwaqt li l-għassa tal-Pulizija f'San Pawl il-Baħar hija użata mill-Pulizija tal-Komunità.

Seduta 236
29/04/2024

**IL-MELLIEĦA - GĦASSA**

**18512. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li terġa' tinfetaħ l-għassa tal-Mellieħa?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-għassa tal-Mellieħa hija użata u minnha jiġi provdut servizz ta' Pulizija tal-Komunità.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18529. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li attendejt għall-Laqgħa Informali tal-Ministri tat-Turiżmu fi Frar tal-2024. Ma hemm l-ebda laqgħat oħra ippjanati sa l-aħħar ta' Ġunju 2024.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18530. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tas-sena, fil-kapaċità tiegħi bħala Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, ipparteċipajt b'mod attiv fil-laqgħa informali tal-Ministri tat-Trasport li saret fi Brussell, fit-3–4 ta' April 2024. Barra minn hekk, bħala parti mill-impenji li ġejjin, se nkun qed nattendi wkoll il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tat-Trasport li ser isir fit-18 ta' Ġunju fil-Lussemburgu.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18531. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li għas-sena 2024 attendejt l-laqgħa informali tal-Kunsill tal-Ministri responsabbli mit-Telekomunikazzjoni fit-tnax ta' April.

Laqgħat oħra għadhom qedgħin jiġu ppjanati.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18532. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18533. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa, din is-sena l-Ministru attenda l-Kunsill Informali għall-Affarijiet Interni f'Jannar u l-Med5 Ministerjali f'April.

Seduta 236
29/04/2024

**LAQGĦAT FI ĦDAN L-UNJONI EWROPEA U L-KUNSILL TAL-EWROPA**

**18534. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għal liema laqgħat attenda fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u dawk li mistenni jattendi għalihom f'dawn l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024?

17/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena bħala laqgħat fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa jien attendejt għal Justice and Home Affairs Council ġewwa Brussel. Appart minn hekk f'Ġunju ser nattendi l-Justice and Home Affairs Council li ser isir ġewwa l-Lussemburgu.

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18555. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-2023 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob l-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema ċitazzjonijiet qed jirreferi.

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18556. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2024 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob l-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema ċitazzjonijiet qed jirreferi.

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18557. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-2023 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-iktar għaxar toroq f'Malta li fihom ingħataw taħrikiet matul l-is-sena 2023, kienu dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt, li tinkludi wkoll l-ammont ta' taħrikiet li nħarrġu għal kull triq. Infurmat li dawn l-ammonti jinkludu taħrikiet permezz ta' speed cameras.

| | **Lokalità** | **Isem tat-triq** | **Numru ta'ċitazzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 1 | Naxxar | Triq il-Kosta (Baħar iċ-Ċagħaq – Pembroke lejn San Pawl) | 13748 |
| 2 | Attard | Triq in-Nutar Zarb | 6920 |
| 3 | San Ġiljan | Triq Mikiel Anton Vassalli | 5825 |
| 4 | Birkirkara | Triq Dun Karm | 5712 |
| 5 | Gudja | Malta International Airport | 4188 |
| 6 | Żejtun | Triq tal-Barrani (ZTN1 - To ZTN) | 3790 |
| 7 | Għaxaq | Dawret Ħal Għaxaq (By Pass) | 2999 |
| 8 | Żebbuġ | Triq l-Imdina | 2909 |
| 9 | Sliema | Ix-Xatt | 2855 |
| 10 | Sliema | Triq it-Torri | 2843 |

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18558. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2024 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-iktar għaxar toroq f'Malta li fihom ingħataw taħrikiet matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2024, kienu dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt, li tinkludi wkoll l-ammont ta' taħrikiet li nħarrġu għal kull triq. Infurmat li dawn l-ammonti jinkludu taħrikiet permezz ta' speed cameras.

| | **Lokalità** | **Isem tat-Triq** | **Numru ta' ċitazzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 1 | Naxxar | Tul il-Kosta (Bahar ic-Cagħaq) | 2369 |
| 2 | Birkirkara | Triq Dun Karm | 2144 |
| 3 | Mosta | Triq il- Kostituzzjoni | 2118 |
| 4 | San Ġiljan | Triq Mikiel Anton Vassalli | 1912 |
| 5 | Attard | Triq Ġdida bla isem uffiċjali, bejn Triq l-Imdina u Triq il-Belt Valletta | 1727 |
| 6 | Attard | Triq in-Nutar Briffa | 1262 |
| 7 | Żejtun | Triq tal-Barrani | 1151 |
| 8 | Żebbuġ | Triq l-Imdina | 1131 |
| 9 | Qormi | Triq l-Imdina | 836 |
| 10 | Birkirkara | Triq l-Esportaturi Mrieħel | 788 |

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18559. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-2023 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**ĊITAZZJONIJIET**

**18560. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iktar għaxar toroq f'Malta li matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2024 ingħataw ċitazzjonijiet fihom? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet għal kull triq?

17/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**STUDENTI LI GĦANDHOM 'NON-VERBAL DISORDER'**

**18569. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18058 u jgħid kemm hemm studenti li għandhom 'non-verbal disorder' separatament għal kull livell ta' edukazzjoni (skejjel primarji, medji/sekondarji eċċ)? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont jekk l-iskejjel humiex tal-Istat, tal-Knisja jew tal-privat?

17/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li t-terminoloġija użata hija skorretta, minħabba li bħala Stat li huwa firmatarju tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' aħna nimxu mat-tifsiriet ta' x'tikkonstitwixxi diżabilità skont Artiklu 1 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Seduta 236
29/04/2024

**ĦADDIEMA B'DIŻABILITÀ - KWOTA**

**18579. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk reġgħetx bdiet tiġi inforzata l-kwota ta' ħaddiema b'diżabilità f'kumpaniji minn wara l-COVID-19 lil hawn?

17/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ IL-PORT ĦIELES - TRAFFIC CALMING MEASURES**

**18618. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ippjanat li jsiru xi traffic calming measures (sleeping policemen) hekk kif tinżel minn Ħal Far f'Birżebbuġa u taqbad it-telgħa ta' Triq il-Port Ħieles?

18/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li jinsab fil-proċess li jibda jinstalla numru ta' *road humps* f'toroq differenti fil-lokalità fosthom fi Triq il-Port Ħieles.

Seduta 236
29/04/2024

**PITKALIJA – NUQQAS TA' KAXXI ŻGĦAR**

**18619. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17556, jista' l-Ministru jgħid jekk bdiewa li jkollhom bżonn kaxxi zgħar ikollhomx joqogħdu jistennew li dawn il-kaxxi jidħlu mingħand bdiewa oħra u jiġu maħsula qabel ma jingħataw lilhom? Jista' l-Ministru jara li jkun hemm biżżejjed kaxxi żgħar u jkun hemm ammont minnhom 'spare' biex bdiewa li jmorru għall-kaxxi ma joqogħdux jistennew sakemm dawn il-kaxxi jidħlu mingħand bdiewa oħra?

18/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fix-xhur li għaddew sar investiment ta' xiri ta 10,000 , kaxxi ġodda. Barra minn hekk, sabiex dejjem jingħata servizz aħjar lill-bdiewa, għaddej proċess ta' tender sabiex ikunu jistgħu jinxtraw 60,000 kaxxa oħra ġodda. Dan it-tender issa qiegħed fil-fazi tal-aġġudikkazzjoni. Ngħarrfu wkoll li qabel ma jingħataw lill-bdiewa, il-kaxxi jiġu mnaddfa u maħsula sabiex tiġi żgurata l-iġjene.

Seduta 236
29/04/2024

**BIRŻEBBUĠA – WASTESERV - PARKEĠĠ**

**18620. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17548, tista' l-Ministru tgħid x'operat se jkollha l-Wasteserv f'Birżebbuġa biex se jkollha bżonn 104 spazji ta' parkeġġ?

18/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ispazji ta' parkeġġ huma meħtieġa għall-ħaddiema tal-Multi-Materials Recovery Facility (MMRF) li diġà qed topera f'Ħal Far, kif ukoll għall-impejgati amministrattivi li ġew rilokati fl-uffiċini li għandha l-Wasteserv fl-istess sit. Il-konnessjoni bejn il-parkeġġ f'Birżebbuġa u l-MMRF f'Ħal Far issir permezz ta' servizz ta' park and ride.

Seduta 236
29/04/2024

**BIRŻEBBUĠA - NAĦA TA' SAN ĠORĠ - UPGRADING TAS-SISTEMA TAS-SERVIZZ TAD-DRENAĠĠ**

**18621. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se jibda l-upgrading tas-sistema tas-servizz tad-drenaġġ għar-residenti tan-naħa ta' San Ġorġ fil-viċinanzi tal-Al Fresco, f'Birżebbuġa?

18/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed tħejji l-abbozzar biex tiġi pubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet. Minħabba li f'żoni bħalma hi Birżebbuġa huwa projbit li jsiru xogħljiet ta' kostruzzjoni fil-perjodu meta l-istaġun turistiku jkun fl-aqwa tiegħu, huwa mmirat li x-xogħol jibda wara s-sajf.

Seduta 236
29/04/2024

**IL-GŻIRA - TRIQ SAN ALBERT – XOGĦLIJIET**

**18635. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li saru minn kuntrattur imqabbad mill-Enemalta fi Triq San Albert (upper), il-Gżira, tista' l-Ministru tgħid meta se jitlestew dawn ix-xogħlijiet, peress li minkejja li l-Ministru qalet li se jitlestew fil-jiem li ġejjin, dawn għadhom ma tlestewx?

18/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 17739 għedt li x-xogħol fit-triq indikata mistenni jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin u hekk għadu mmirat li jsir.

Seduta 236
29/04/2024

**PACEVILLE, TAS-SLIEMA U L-GŻIRA - SPEZZJONIJIET MILL-MTA DWAR ĠBIR TA' SKART**

**18636. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Enforcement Unit tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fuq entitajiet kummerċjali li għandhom liċenzja ta' bars/restoranti u li huma obbligati li jkollhom kuntrattur privat tal-iskart f'Paceville, Tas-Sliema u l-Gżira, maqsuma lokalità lokalità, mill-bidu tas-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

18/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu taċċerta ruħha li kull stabbiliment li jissottometti applikazzjoni ġdida jkollu kuntratt ma' kuntrattur privat li għandu liċenzja jiġbor l-is*will*. Dan il-kuntratt jintalab ukoll meta jsiru spezzjonijiet fi stabbilimenti tal-ikel. Din is-sena l-uffiċjali tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu spezzjonaw 208-il stabbiliment f'Paceville, 214-il stabbiliment f'tas-Sliema u 139-il stabbiliment fil-Gżira.

Seduta 236
29/04/2024

**TAS-SLIEMA, SAN ĠILJAN, PACEVILLE U L-GŻIRA - AMPLIFIED MUSIC - PERMESSI MAĦRUĠA MILL-MTA**

**18637. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista sħiħa tal-postijiet li nħarġilhom permess mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għal amplified music f'entitajiet kummerċjali f'Tas-Sliema, San Ġiljan, Paceville u l-Gżira, maqsuma lokalità lokalità?

18/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nfakkar lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu mhijiex l-entita' kompetenti li toħroġ permessi ta' amplified music fuq barra ta' entitajiet kummerċjali, ninfurmah li hemm 38 stabbiliment illi għandhom permess ta' amplified music fuq ġewwa fil-lokalitajiet imsemmija.

Seduta 236
29/04/2024

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA U SAN ĠILJAN - RAPPORTI DWAR NOISE POLLUTION**

**18638. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti dwar noise pollution minħabba amplified music f'Tas-Sliema, il-Gżira u San Ġiljan mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm persuni ġew imħarrka u mressqa l-Qorti?

18/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn Jannar 2023 u t-18 ta' April 2024 daħlu ħamsa u għoxrin (25) rapport dwar 'noise pollution' minħabba amplified music mal-pulizija f'Tas-Sliema, il-Gżira u San Ġiljan. In-numru ta' persuni li ġew imħarrka u mressqa l-Qorti wara dawn ir-rapporti kien ta' seba' u tletin (37).

Seduta 236
29/04/2024

**PACEVILLE, SAN ĠILJAN, TAS-SLIEMA U L-GŻIRA – SPEZZJONIJIET MILL-MTA DWAR AMPLIFIED MUSIC**

**18639. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Enforcement Unit fi ħdan l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) dwar amplified music minn stabbilimenti f'Paceville, San Ġiljan, Tas-Sliema u l-Gżira, mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità lokalità?

18/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MTA mhix l-Awtorità kompetenti li tirregola u tinforza l-inkonvenjent ta' storbju, il-liġi konċernata tirrikjedi illi stabbiliment ikollu liċenzja biex idoqq mużika amplifikata internament wara l-ħdax ta' filgħaxija. L-uffiċjali tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu spezzjonaw 33-il stabbiliment fis-sena 2023 u 12-il stabbiliment fis-sena 2024 fil-lokalitajiet hawn imsemmija.

Seduta 236
29/04/2024

**TAS-SLIEMA - TICKETING BOOTHS**

**18640. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ticketing booths fix-Xatt Tas-Sliema li għandhom permess mill-Awtorità tal-Artijiet?

18/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Membru għal-lista li poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 18492.

Seduta 236
29/04/2024

**L-ISPTAR MATER DEI - PROĠETT TAL-OUTPATIENTS**

**18666. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Outpatients tal-Isptar Mater Dei? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx ħsieb li l-Outpatients jiġi trasferit għall-Isptar San Luqa?

19/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm il-ħsieb il l-Outpatients jiġi trasferit għall-campus tal-Isptar San Luqa wara li jsir r-refurbishing neċessarju biex il-post ikun tal-ogħla livell u isir pjan komprensiv loġistiku.

Seduta 236
29/04/2024

**L-ISPTAR MOUNT CARMEL - BINI TA' WARD ĠDIDA**

**18667. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx applikazzjonijiet biex tinbena ward ġdida fl-Isptar Mount Carmel? Jista' jgħid ukoll x'se jsir mill-pazjenti li qed jiġu kkurati f'dan l-ispazju u fejn se jiġu trasferiti?

19/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhemmx applikazzjonijiet biex jinbnew wards ġodda li qatt qabel ma kien hemm fl-Isptar Mount Carmel.

Seduta 236
29/04/2024

**STUDENTI LI GĦANDHOM ADHD**

**18672. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 18059, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm hemm studenti li għandhom il-kundizzjoni ADHD separatament għal kull livell ta' edukazzjoni (skejjel primarji, medji/sekondarji eċċ)? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont jekk l-iskejjel humiex tal-Istat, tal-Knisja jew tal-privat?

19/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| | **Primajra** | **Medja/Sekondarja** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Skejjel tal-Istat | 297 | 331 | 628 |
| Skejjel tal-Knisja | 327 | 344 | 671 |
| Skejjel Indipendenti | 80 | 48 | 128 |

Seduta 236
29/04/2024

**STUDENTI LI GĦANDHOM 'AWTIŻMU'**

**18673. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 18060, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm hemm studenti li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu separatament għal kull livell ta' edukazzjoni (skejjel primarji, medji/sekondarji eċċ)? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont jekk l-iskejjel humiex tal-Istat, tal-Knisja jew tal-privat?

19/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| | **Primajra** | **Medja/Sekondarja** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Skejjel tal-Istat | 1107 | 437 | 1,544 |
| Skejjel tal-Knisja | 240 | 94 | 334 |
| Skejjel Indipendenti | 95 | 31 | 126 |

Seduta 236
29/04/2024

**CORPORATE FINANCIAL MANAGEMENT SOLUTION**

**18677. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa' s-sistema tal-finanzi Corporate Financial Management Solution (CFMS) tal-Gvern?

19/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**IMTARFA - BINJA IMSIERAĦ - ĦSARAT**

**18678. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11650 u jgħid meta sejra tiġi riżolta l-problema tal-madum fl-entratura tal-binja tal-Gvern, Binja Imsieraħ, fl-Imtarfa, minħabba li l-madum qiegħed jinqala' u jwassal għall-ħsarat fil-garaxxijiet għaliex l-ilma minn taħt il-madum maqlugħ qiegħed jinżel fil-basement kif ukoll qed ikun ta' periklu għal min jimxi fuqu?

22/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejin diskussjonijiet sabiex tiġi riżolta din il-problema.

Seduta 236
29/04/2024

**L-IMTARFA – BYPASS - XOGĦLIJIET**

**18679. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol infrastrutturali li għaddej fil-bypass tal-Imtarfa bħalissa, minħabba li d-dewmien qiegħed ikun ta' tbatija bla bżonn għal min irid jasal l-Imtarfa mid-direzzjoni ta' Ħ'Attard u Ħaż-Żebbuġ?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħolijiet li hemm fi Triq Il-Maltin u Eżiljati, kif ukoll fi Triq il-Kav Vincenzo Bonello waslu fl-aħħar fażi tagħhom. Bħalissa bdew l-aħħar xogħolijiet li jinkludu it-tqaxxir tal-asfalt eżistenti bi preparament għal-kisja ta' asfalt ġdid, fejn dan ġie affetwat. Immedjatament wara jsiru il-linji u marki mal-art. Dan huwa pjanat li jkun lest kollu fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 236
29/04/2024

**IL-MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR U N-NAXXAR - DELITTI**

**18680. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti break down separatament għall kull kwart tas-sena, tad-delitti li seħħew fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar għas-snin 2022 u 2023?

22/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-informazzjoni kif mitluba mill-Onorevoli Interpellant dwar delitti li seħħew fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar għas-sena 2022 kienu kif indikati fit-tabella hawn taħt:

| Sena 2022 | | Jannar-Marzu | April-Gunju | Lulju-Settembru | Ottubru-Diċembru |
|---|---|---|---|---|---|
| **Lokalità** | **Tip ta' reat** | **Q1** | **Q2** | **Q3** | **Q4** |
| **MELLIEĦA** | Attentat ta' offiżi | 1 | 0 | 1 | 4 |
| | Feriti fuq il-persuna | 1 | 3 | 4 | 1 |
| | Użu ħażin tal-kompjuter | 4 | 5 | 3 | 0 |
| | Ħsarat | 29 | 25 | 49 | 43 |
| | Vjolenza domestika | 10 | 7 | 9 | 14 |
| | Offiżi ta' drogi | 2 | 0 | 0 | 1 |
| | Frodi | 9 | 4 | 10 | 15 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 3 | 2 | 2 | 6 |
| | Offiżi sesswali | 1 | 1 | 0 | 2 |
| | Serq | 14 | 18 | 42 | 24 |
| | Theddid u vjolenza privata | 2 | 4 | 1 | 1 |
| | Aċċess mhux awtorizzat | 1 | 0 | 0 | 0 |
| | Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 0 | 1 | 0 | 0 |
| | | | | | |
| **NAXXAR** | Ħruq | 0 | 0 | 1 | 1 |
| | Attentat ta' offiżi | 2 | 1 | 5 | 1 |
| | Feriti fuq il-persuna | 3 | 6 | 2 | 1 |
| | Ksur ta' kondizzjonijiet tal-liberta proviżorja | 0 | 0 | 1 | 0 |
| | Użu ħażin tal-kompjuter | 1 | 5 | 1 | 2 |
| | Ħsarat | 14 | 15 | 18 | 17 |
| | Vjolenza domestika | 13 | 18 | 13 | 10 |
| | Offiżi ta' drogi | 2 | 0 | 0 | 0 |
| | Falsifikazzjoni | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Frodi | 18 | 10 | 19 | 23 |
| | Pornografija | 0 | 1 | 0 | 0 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 1 | 6 | 3 | 6 |
| | Offiżi sesswali | 0 | 0 | 2 | 2 |
| | Serq | 9 | 22 | 15 | 23 |
| | Theddid u vjolenza privata | 4 | 1 | 4 | 4 |
| | Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 1 | 2 | 1 | 0 |
| | | | | | |
| **SAN PAWL IL-BAĦAR** | Abbandun ta' minuri | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | Attentat ta' offiżi | 3 | 6 | 5 | 7 |
| | Bigamija | 0 | 1 | 0 | 0 |
| | Feriti fuq il-persuna | 17 | 21 | 12 | 24 |
| | Użu ħażin tal-kompjuter | 7 | 12 | 4 | 5 |
| | Ħsarat | 126 | 134 | 176 | 151 |
| | Vjolenza domestika | 27 | 18 | 31 | 39 |
| | Offiżi ta' drogi | 0 | 2 | 3 | 6 |
| | Falsifikazjoni | 0 | 0 | 1 | 0 |
| | Frodi | 23 | 28 | 13 | 18 |
| | Omiċidju | 0 | 1 | 1 | 0 |
| | Reati relatati ma immigrazzjoni | 0 | 0 | 1 | 0 |
| | Ħasil ta' flus | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Pornografija | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 6 | 7 | 6 | 4 |
| | Prostituzzjoni | 1 | 2 | 0 | 0 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Offiżi sesswali | 4 | 7 | 5 | 5 |
| | Serq | 79 | 86 | 110 | 81 |
| | Theddid u vjolenza privata | 5 | 7 | 10 | 6 |
| | Traffikar ta' persuni | 1 | 1 | 0 | 0 |
| | Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 1 | 3 | 4 | 1 |

Seduta 236
29/04/2024

**IL-MELLIEĦA – REATI**

**18681. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti break down tar-rata ta' reati fil-Mellieħa fis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023? Jista' jagħti wkoll in-numru ta' rapporti li ddaħħlu fl-għassa tal-Mellieħa u n-numru ta' rapporti għall-Mellieħa li ġew illoggjati fil-Qawra?

22/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' reati kriminali rreġistrati fis-sistema tal-pulizija u li seħħew fil-lokalita tal-Mellieħa fis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Dettalji dwar f'liema għassa jkunu daħlu u ġew reġistrati dawn ir-rapporti, l-informazzjoni mhux disponibbli.

| **Tip ta' reat - Mellieħa** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** |
|---|---|---|---|---|---|
| Abbandun ta' minuri | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 |
| Ħruq | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Attentat ta' offiżi | 6 | 5 | 6 | 6 | 7 |
| Feriti fuq il-persuna | 13 | 13 | 9 | 9 | 18 |
| Użu ħazin tal-kompjuter | 3 | 7 | 3 | 12 | 19 |
| Ħsarat | 132 | 107 | 135 | 146 | 176 |
| Vjolenza domestika | 21 | 30 | 33 | 40 | 55 |
| Offiżi tad-drogi | 0 | 2 | 5 | 3 | 4 |
| Frodi | 10 | 15 | 48 | 38 | 83 |
| Omiċidju | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| Reati dwar immigrazzjoni | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Ħasil ta' flus | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| Ġurament falz | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| Pornografija | 0 | 0 | 2 | 0 | 1 |
| Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 6 | 10 | 14 | 13 | 9 |
| Offiżi sesswali | 6 | 2 | 1 | 4 | 3 |
| Serq | 176 | 104 | 80 | 98 | 130 |
| Theddid u vjolenza privata | 5 | 6 | 3 | 8 | 7 |
| Aċċess mhux awtorizzat | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 |
| Vjolenza kontra uiffiċjal pubbliku | 0 | 2 | 4 | 1 | 3 |

Seduta 236
29/04/2024

**KAROZZI TAL-LINJA - ROTOT**

**18682. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18189, jista' l-Ministru jagħti definizzjoni ta' kif dan il-perċentwal jiġi kkalkulat għal kull rotta tal-karozza tal-linja li ħarġet tard u kemm-il darba ma ħarġitx fuq ir-rotta? Jista' jgħid jekk jgħoddx bħala reliable li karozza ħarġet jew li ħarġet mhux aktar tard minn ċertu minuti mill-ħin li kellha skedat? Jista' jgħid ukoll jekk din hux ikkalkulata biss fuq il-ħin tal-ħruġ, il-ħin li tasal fid-destinazzjoni, jew il-ħinijiet tal-waqfiet kollha tul ir-rotta?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-affidabbiltà tirreferi għall-fatt jekk vjaġġ li jkun skedat sarx jew le, u għaldaqstant ma tagħmel l-ebda differenza jekk il-vjaġġ ikunx telaq tard jew le. Il-perċentwal ta' kemm ir-rotta hija affidabbli jiġi kkalkolat billi jitteħdu n-numru ta' vjaġġi li jkunu twettqu u jiġu diviżi bin-numru ta' vjaġġi skedati.
Fil-każ tal-puntwalita, din hija definita bħala kemm ir-rotta titlaq mill-punt tat-tluq tagħha fil-ħin skont l-iskeda b'ċertu tolleranzi. Dawn it-tolleranzi qed jiġu provduti fil-punti segwenti:
§ Fuq rotot li għandhom frekwenza ta' disa' u għoxrin minuta jew anqas, vjaġġ jiġi meqjus li jkun tard meta jitlaq aktar min ħames minuti fuq il-ħin.
§ Għal dawk ir-rotot li għandhom frekwenza ta' tletin minuta jew aktar, vjaġġ jiġi meqjus tard meta jitlaq tmien minuti jew aktar fuq il-ħin.

Il-perċentwal ta kemm ir-rotta hija puntwali jiġi ikkalkolat billi għal kull rotta jitteħdu dawk il-vjaġġi li jkunu fil-ħin u jiġu diviżi bin-numru ta' vjaġġi li jkunu saru.

Seduta 236
29/04/2024

**KAROZZI TAL-LINJA – ROTOT TA' BIL-LEJL (N)**

**18683. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18189, u b'referenza għar-rotot ta' bil-lejl (dawk li jibdew bl-ittra N), jista' l-Ministru jagħti definizzjoni ta' kif dan il-perċentwal jiġi kkalkulat għal kull rotta tal-karozza tal-linja li ħarġet tard u kemm-il darba ma ħarġitx fuq ir-rotta? Jista' jgħid jekk jgħoddx bħala reliable li karozza ħarġet jew li ħarġet mhux aktar tard minn ċertu minuti mill-ħin li kellha skedat? Jista' jgħid ukoll jekk din hux ikkalkulatha biss fuq il-ħin tal-ħruġ, il-ħin li tasal fid-destinazzjoni, jew il-ħinijiet tal-waqfiet kollha tul ir-rotta?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rotot ta' bil-lejl ma jifformawx parti minn network maqbul bejn il-Gvern u l-Operatur tat-Trasport Pubbliku. Għaldaqstant, dawn ir-rotot ma jiġux immonitorjati għall-fini ta puntwalità u affidabbiltà

Seduta 236
29/04/2024

**SAN ĠWANN – SLIEMA ROAD - XOGĦLIJIET**

**18684. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu x-xogħlijiet ġewwa Sliema Road, San Ġwann u meta huwa antiċipat li dawn jitlestew? Jista' jispjega ukoll għaliex f'dawn l-aħħar ħames ġimgħat ma kienu qed isiru ebda xogħlijiet fuq dan il-proġett?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Tas-Sliema, San Ġwann, ix-xogħlijiet previsti jinsabu fl-aħħar stadju. Fl-aħħar jiem tlesta x-xogħol ta' tqaxxir tat-triq, tlesta x-xogħol fuq is-sottobażi biex jissaħħu l-pedamenti tat-triq, u tpoġġa l-ewwel saff tal-asfalt. Beda jingħata wkoll it-tieni saff ta' asfalt bil-ħidma tal-kuntrattur issa ser tkun iffukata biex jgħolli u jillivella t-tappieri tat-triq, u jħejji biex ipoġġi l-aħħar saff tal-asfalt flimkien mal-implimentazzjoni tal-marki taż-żebgħa tat-triq u sinjali ġodda.

Seduta 236
29/04/2024

**INFRASTRUCTURE MALTA - PROĠETTI**

**18685. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-proġetti kollha li qegħdin isiru minn Infrastructure Malta sal-ġurnnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista tal-Proġetti maġġuri tinstab hawn taħt:

- St Angelo Bridges
- Shore Supply North Harbour & Boiler Wharf
- Bugibba Breakwater
- Pinto 4/5 & Lascaris
- Chadwick Lakes
- Ras Hanzir Land Reclamation
- Cirkewwa Columns
- Triq il-Marfa, Cirkewwa

Madanakollu Infrastructure Malta għaddejja b'xogħlijiet fuq toroq madwar Malta.

Seduta 236
29/04/2024

**ANNIMALI INFETTATI BIL-'BLUE TONGUE', BRUCELLA JEW TUBERKULOŻI**

**18686. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18318 fejn intqal li "ġew identifikati 8 ovini u bovin wieħed li rriżultaw seroloġikament pożittivi għall-Brucellożi, 29-il bovin u mogħża waħda seroloġikament pożittivi għall-Blue Tongue Virus (BTV). L-annimali kkonċernati ġew kollha maqtula bħala prekawzjoni u l-merħliet tagħhom żammew l-istatus ta' ħelsien mill-mard wara serje ta' testijiet oħra", jista' l-Ministru jgħid jekk dawn l-annimali ġewx impurtati minn barra pajjiżna? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid minn liema pajjiżi ġew importati dawn l-annimali u fl-istess ħin jara li jissospendi l-importazzjoni ta' annimali minn dan il-pajjiż? Jekk fin-negattiv, jista' jgħid f'liema farm f'pajjiżna ġew imnissla dawn l-annimali?

22/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tmien ovini li rriżultaw seroloġikament pożittivi għall-Brucellożi kienu kollha ta' trobbija f'Malta, filwaqt li l-bovin wieħed li rriżulta seroloġikament pożittiv għall-Bruċellożi, daħal minn pajjiż tal-Unjoni Ewropea (UE). Fost id-29-il bovin u mogħża li nstabu seroloġikament pożittivi għall-Blue Tongue Virus (BTV), din tal-aħħar ġiet minn pajjiż ġewwa l-UE, u l-bovini kienu 5 ta' trobbija f'Malta u l-kumplament oriġinaw minn pajjiżi tal-UE. Madankollu, wieħed irid jinnota li l-ebda mikrobu ma ġie iżolat għall-Bruċellożi jew għall-Blue Tongue Virus (BTV) (ħlief każ wieħed) b'testijiet molekolari (p.e. PCR) li wera riskju baxx għas-saħħa tal-merħla f'Malta.
Mhuwiex prudenti li jissemmew pajjiżi speċifiċi ta' oriġini ta' dawn il-bhejjem jew minn liema irziezet instabu dawn il-bhejjem in kwistjoni, speċjalment meta qatt ma' ġew iżolati l-mikrobi għall-Bruċellożi jew għall-Blue Tongue Virus (BTV), ħlief f'każ wieħed b'testijiet molekolari hekk kif diġa' semmejt.

Seduta 236
29/04/2024

**WATER TABLE - TESTIJIET**

**18687. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk f'dawn l-aħħar sitt xhur, u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, sarux testijiet tal-ilma li jinsab fil-water table? Jekk fl-affermattiv, tista' tissottometti lista ta' fejn saru dawn it-testijiet, f'liema fond saru u jekk instabux xi kontaminazzjonijiet f'dan l-ilma? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati ta' dawn it-testijiet?

22/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kwalità tal-ilma tal-pjan (water table) tiġi analizzata permezz ta' kampanja ta' monitoraġġ li ssir darbtejn fis-sena. L-aħħar kampanja ta' monitoraġġ saret fit-tieni nofs tas-sena 2023, waqt li dik għall-ewwel nofs tas-sena 2024 tinsab għaddejja f'dawn il-ġimgħat. Il-moniteraġġ isir fi 43 sit f'Malta u Għawdex li jkopru l-korpi tal-ilma tal-pjan kollha fil-gżejjer Maltin. Il-fond li fih jittieħdu l-kampjuni jvarja u jirrifletti l-fond taż-żona ta' saturazzjoni (wiċċ tal-water table) taħt l-art. Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella għat-tieni nofs tas-sena 2023.

Seduta 236
29/04/2024

**TRANSPORT MALTA – SPOT CHECKS TA' VETTURI**

**18711. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18332 u jgħid kemm hemm inġiniera bil-warrant u kemm hemm tekniċi kwalifikati ma' Transport Malta li għandhom il-kompetenza u huma responsabbli li jispezzjonaw u jagħmlu spot checks fuq vetturi kbar, vetturi li jġorru l-passiġġiera u vetturi kummerċjali fis-17 ta' April 2024?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fit-Taqsima Teknika tad-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art, hemm ħames uffiċjali tekniċi kwalifikati li għandhom it-taħriġ u l-kompetenza meħtieġa sabiex iwettqu spezzjonijiet tekniċi ta' kull tip ta' vettura bil-mutur. Ma' dawn hemm ukoll żewġ uffiċjali tal-Infurzar li għandhom kompetenzi simili u li xogħolhom huwa li jwettqu spezzjonijiet tekniċi fil-ġenb tat-triq *(technical roadside inspections).*

Seduta 236
29/04/2024

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IL-ĠEBEL – WATER CULVERTS**

**18712. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18331 u ċjoè: Fid-dawl li meta Triq il-Ġebel f'Birżebbuġa ngħatat wiċċ ġdid, intradmu culverts li kienu jiddirezzjonaw l-ilma tax-xita biex ikun evitat illi garaxxijiet u djar jiġu mgħarrqa, jista' l-Ministru jgħid hux ser jinvestiga din il-problema maħluqa minn Infrastructure Malta u tinstab soluzzjoni sostenibbli għaliha?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ittieħdet nota.
Seduta 236
29/04/2024

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ DUN ĠORĠ ZAMMIT - XOGĦLIJIET**

**18713. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx is-site visit fi Triq Dun Ġorġ Zammit f'Birżebbuġa biex jiġi stabbilit ix-xogħol involut fuq il-bankina? Jista' jgħid ukoll fiex ser jikkonsistu x-xogħlijiet u jekk jinkludux preparazzjoni sabiex jgħaddu cables u servizzi oħra mill-bankina, u meta ser jibdew u jispiċċaw ix-xogħlijiet?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**ROTTA NUMRU 82A**

**18714. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tibda topera r-rotta 82A, x'ser tkun ir-rotta u x'ser tkun il-frekwenza tagħha?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rotta 82A hija mistennija li tiġi ntrodotta sa Ġunju ta' din is-sena bi frekwenza ta' żewġ vjaġġi fis-siegħa fil-ħinijiet meqjusa bħala "peak" u vjaġġ wieħed fis-siegħa f'ħinijiet oħra.
Seduta 236
29/04/2024

**IŻ-ŻURRIEQ – APPLIKAZZJONI FUQ ART PC/68/22**

**18715. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18328 u jgħid liema huma l-biċċiet ta' art illi jaqgħu b'mod sħiħ jew parti fiż-żona li għaliha hemm l-applikazzjoni PC/68/22 bejn Triq il-Kanonku Vinċenz Balzan, Triq Napuljun u Triq l-Imqabba fiż-Żurrieq illi huma mmaniġġjati mill-Awtorità tal-Artijiet?

22/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda Kamra il-Pjanta relattiva li tindika il-porzjon ta' art li hija propjeta tal-Gvern.
Seduta 236
29/04/2024

**CONTROL OF MAJOR ACCIDENT HAZARDS – SITI**

**18716. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-siti li jaqgħu taħt ir-regolamenti tal-Control of Major Accident Hazards (COMAH) Regulations u taħt liema klassi jaqa' kull wieħed minnhom?

22/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-siti li jaqgħu taħt il-Control of Major Accident Hazards (COMAH) Regulations huma ppublikati fuq il-website tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. https://www.ohsa.mt/sites/default/files/2024-04/COMAH-Sites-Mar2024.pdf

L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Seduta 236
29/04/2024

**MALTA - TEST TAS-SEWQAN - DEWMIEN**

**18729. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid bħala medja kemm idum individwu li jkun falla mit-test tas-sewqan f'Malta, ma jerġa' jitla' jagħmel it-test?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija sabiex individwu li jkun falla mit-test tas-sewqan f'Malta jerga jitla għat-test jiddependi mill-Motoring School tal-individwu, u meta din terġa tapplikalu għat-test tas-sewqan. L-istennija f'dan ir-rigward ivarja skond il-kategorija li wieħed ikun qed japplika għaliha.
Seduta 236
29/04/2024

**MALTA - TEST TAS-SEWQAN - ŻMIEN TA' STENNIJA**

**18730. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-perjodu kemm damu biex reġgħu telgħu jagħmlu test tas-sewqan f'Malta, dawk kollha li telgħu jagħmlu t-test iktar minn darba minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm min stenna xahar, xahrejn, tliet xhur, erba' xhur, ħames xhur, eċċ?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija sabiex individwu li jkun falla t-test tas-sewqan f'Malta jerġa jitla għat-test jiddependi mill-*Motoring School* tal-individwu, ċjoè meta din terġa tapplikalu għat-test tas-sewqan.

Seduta 236
29/04/2024

**GĦAWDEX - TEST TAS-SEWQAN - DEWMIEN**

**18731. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid bħala medja, kemm idum individwu li jkun falla mit-test tas-sewqan f'Għawdex ma jerġa' jitla' jagħmel it-test?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta’ stennija sabiex individwu li jkun falla mit-test tas-sewqan f’Għawdex jerga jitla għat-test jiddependi mill-Motoring School tal-individwu, u meta din terġa tapplikalu għat-test tas-sewqan. L-istennija f’dan ir-rigward ivarja skond il-kategorija li wieħed ikun qed japplika għaliha.

Seduta 236
29/04/2024

**GĦAWDEX - TEST TAS-SEWQAN – ŻMIEN TA’ STENNIJA**

**18732. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-perjodu kemm damu biex reġgħu telgħu jagħmlu test tas-sewqan f'Għawdex, dawk kollha li telgħu jagħmlu t-test iktar minn darba minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll kemm kien hemm min stenna xahar, xahrejn, tliet xhur, erba' xhur, ħames xhur, eċċ?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta’ stennija sabiex individwu li jkun falla t-test tas-sewqan f’Għawdex jerġa jitla’ għat-test jiddependi mill-Motoring School tal-individwu, ċjoè meta din terġa tapplikalu għat-test tas-sewqan.

Seduta 236
29/04/2024

**MARITIME ENFORCEMENT UNIT – OVERTIME TA’ UFFIĊJALI**

**18734. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il siegħa overtime inħadmet minn uffiċjali tal-Maritime Enforcement Unit bejn Ottubru u April ta’ kull sena mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll x’kien jinvolvi x-xogħol ta’ overtime għal kull każ?

22/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 236
29/04/2024

**PROGRAMM FUQ STAZZJON TELEVIŻIV INGLIZ**

**18737. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18269 u jgħid kemm hi l-ispiża totali tal-produzzjoni tal-programm li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u li ntwera f’ħames partijiet waqt prime time (fil-ħin tal-ikel mit-Tnejn sal-Ġimgħa) fuq stazzjon televiżiv ġewwa r-Renju Unit? Jista’ jgħid ukoll kemm kienu l-ispejjeż separatament fuq reklamar, ivjaġġar, akkomodazzjoni, editing tal-programm, l-ispiża tal-airtime ġewwa r-Renju Unit u anke l-fee tal-preżentatur fost oħrajn?

23/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali għal din il-produzzjoni ta' ħames programmi li ntwerew fuq l-istazzjon televiżiv fir-Renju Unit, ITV1 waqt *prime time*tammonta għal kważi €265,000.
L-istatistika li għandha f'idejha l-MTA turi li kull episodju rawh madwar 670,000 persuna, bl-ikbar udjenza tkun fit-tieni episodju fejn rawh iżjed minn 700,000. It-total għall-episodji kollha fuq TV live jammonta għal 3.6 miljun spettatur, li ma jinkludux dawk li raw l-episodji fuq ITVX (Streaming) jew fuq ITV Catch up.
Dawn il-programmi ingħataw ukoll promozzjoni qawwija fuq il-midja soċjali ta' Ainsley Harriott, fejn fuq META għandu udjenza ta' 172,000 u 129,000 segwaċi fuq Instagram. Il-preżentatur ipparteċipa u rreklama l-programmi *Taste of Malta* fuq Radio X b'udjenza ta' 2.1 miljun utent fil-ġimgħa, u fuq il-Breakfast Show ta' ITV – *This Morning.*
Il-valur f'termini ta' spiża li kieku l-MTA kellha tħallas għal din l-attività b'reklamar fuq televiżjoni u midja soċjali, hi stmata li tilħaq il-€5 miljuni. Għaldaqstant b'investiment ta' €265,000, l-MTA rnexxielha takkwista valur ta' midja promozzjonali ta' kważi €5 miljuni.

Seduta 236
29/04/2024

**KUNTRATT TA' XOGĦOL**

**18738. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18148 u 18461 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17647, dwar il-kuntratt ta' xogħol mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid:
i. meta skada l-kunratt;
ii. meta beda l-kuntratt; u
iii. kemm-il darba ġġedded?

23/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru qatt ma' kellu kuntratt mal-kumpanija msemmija.

Seduta 236
29/04/2024

**SPTAR MATER DEI - HOSPITAL ACTIVITY REPORT - 2022**

**18739. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14549, 14900, 15493, 16643, 17301, 17717, 18153 u 18463 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Mater Dei għas-sena 2022?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 236
29/04/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KUNTRATTI TA' XOGĦOL**

**18740. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17293, 17646, 17794, 18169 u 18576 u jgħid jekk il-kuntratti li ngħatat il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament kinux approvati mis-Segretarji Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa bejn l-2014 u 2024?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li il-kuntratti li ngħatat il-kumpanija li d-dettalji dwarha ngħataw separatament kienu approvati mis-Segretarji Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa.
Seduta 236
29/04/2024

**Ħ'ATTARD - TRIQ VICTOR VASSALLO - XOGĦLIJIET**

**18741. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18223 u 18567 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18005, jista' l-Ministru jqiegħed fuq l-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjan li rrefera għalih u li fuqu ser isiru x-xogħlijiet fi Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard?

23/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**SIĠĠIEWI - SKOLA PRIMARJA - UŻU TA' PIXXINA**

**18742. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17832, 18131 u 18574 u jgħid għalfejn il-pool tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi għal dawn l-aħħar xhur mhuwiex jintuża bl-istudenti jkollhom imorru f'faċilitajiet oħra biex jipprattikaw l-għawm, filwaqt li anzjani Siġġiwin qegħdin jiġu mċaħħda minn dan is-servizz li kien jiġi offrut?

23/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**Ħ'ATTARD - SERVIZZI**

**18749. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi jingħataw fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħ'Attard, maqsuma ġurnata b'ġurnata (timetable)?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**ĦAD-DINGLI - SERVIZZI**

**18750. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi jingħataw fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħad-Dingli, maqsuma ġurnata b'ġurnata (timetable)?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 236
29/04/2024

**ĦAD-DINGLI - BERĠA TAS-SAĦĦA - KMAMAR**

**18751. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kamra fiha l-Berġa tas-Saħħa ta' Ħad-Dingli u kemm minnhom jintużaw għall-pazjenti?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm erba' kmamar fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħad-Dingli li tlieta minnhom jistgħu jintużaw mill-pazjenti.

Seduta 236
29/04/2024

**Ħ'ATTARD - BERĠA TAS-SAĦĦA - KMAMAR**

**18752. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kamra fiha l-Berġa tas-Saħħa ta' Ħ'Attard u kemm minnhom jintużaw għall-pazjenti?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm sitt kmamar fil-Berġa tas-Saħħa ta' Ħ'Attard li ħamsa minnhom jistgħu jintużaw mill-pazjenti.

Seduta 236
29/04/2024

**L-IMTARFA - MINISTERU TAS-SAĦĦA - BINJIET**

**18753. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'binjiet għandu f'idejh il-Ministeru tas-Saħħa, fl-Imtarfa u għalxiex jintużaw?

23/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm binja waħda maqsuma fi tlieta li hija taħt ir-responsabbiltà tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.
Din il-binja tintuża bħala residenza għall-kura fit-tul għall-anzjani, ċentru għal persuni bid-dimensja u MMMU, li huwa maħżen (store) li jissuplixxi lill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.
Ninsab infurmat ukoll li f'Triq Dar il-Kaptan hemm iċ-ċentru Dar Kenn għal Saħħtek immexxi mill-Fondazzjoni mwaqqfa bejn il-Malta Community Chest Fund (MCCF) u dan il-Ministeru.

Seduta 236
29/04/2024

**L-IMĠARR, MALTA - TRIQ IŻ-ŻEBBIEGĦ - UN/LOADING – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**18754. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi applikazzjonijiet pendenti ta' un/loading fi Triq iż-Żebbiegħ, l-Imġarr, Malta?

23/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fit-triq imsemmija hemm applikazzjoni waħda pendenti li qegħda tiġi diskussa bejn l-uffiċjali ta' Transport Malta u l-applikant.

Seduta 236
29/04/2024

**KONTRAVENZJONIET AMBJENTALI**

**18759. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm kontravenzjoniet ambjentali mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

23/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-1 ta' Jannar 2023 sal-24 ta' April 2024, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ħarġet 981 multa amministrattiva fuq ksur ta' liġijiet ambjentali li ġew investigati minnha u l-valur tagħhom ivarja bejn €150 u €37,500. Inħarġu wkoll ħames (5) Ordnijiet ta' Waqfien u Konformità fuq illegalitajiet ambjentali matul is-sena 2023 u ġew riferuti seba' (7) każijiet lill-Pulizija Eżekuttiva għal proċeduri legali quddiem il-Qrati ta' Malta.

Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18762. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru?

24/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17405.
Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18763. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riforma u Djalogu Soċjali jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.
Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18764. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17407.
Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18765. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17408.
Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18766. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 17409.

Seduta 236
29/04/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18767. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17410.

Seduta 236
29/04/2024

**COAST ROAD – TINDIF TAS-CYCLE LANES**

**18792. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika jgħid għaliex mhux qegħdin jiġu mnaddfa s-cycle lanes li hemm fil-Coast Road? Jista' jgħid ukoll kull meta suppost jitnaddfu u meta kien l-aħħar darba li tnaddfu?

24/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant lis-cycle lanes jiġu mnaddfa darbtejn fil-ġimgħa permezz ta' tagħmir mekkanizzat. Mix-xahar ta' Ġunju 'il quddiem, il-frekwenza ta' tindif se tirdoppja għal erba' darbiet fil-ġimgħa.

Seduta 236
29/04/2024

**COAST ROAD – TINDIF TA' CYCLE LANES**

**18793. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika jgħid jekk it-tindif tas-cycle lanes fil-Coast Road isirx minn kuntrattur privat? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt relattiv?

24/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda kuntrattur ingaġġat sabiex isir dan it-tip ta' tindif.

Seduta 236
29/04/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - SPEZZJONIJIET DWAR ENCROACHMENTS**

**18796. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17710, peress illi l-mistoqsija li saritlu kienet biex jagħti dettalji dwar in-numru ta' spezzjonijiet li saru mill-Awtorità tal-Artijiet dwar encroachments ta' mwejjed u siġġijiet, u fit-tweġiba għamel referenza għal tweġiba li ma tagħti ebda dettalji li ġentilment intalab jippubblika, u peress illi skont il-Ministru l-Awtorità tagħmel spezzjonijiet regolarment, jista' allura l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet dwar encroachments ta' mwejjed u siġġijiet fis-sena 2023, indikati xahar b'xahar u skont il-lokalità?

24/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li kif kien intqal fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16687 isiru spezzjonijiet wara rapporti li jsiru mill-pubbliku filwaqt li jsiru wkoll spezzjonijiet skont kif spjegat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 16435.

Seduta 236
29/04/2024

**TOWING TA' VETTURI**

**18797. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fejn jinżammu l-vetturi li jiġu towed f'Malta u Għawdex, kemm dawn l-ispazji huma kbar bħala area, u jekk l-ispazji humiex mimlija u allura ma hemmx fejn jinżammu aktar vetturi?

24/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat, illi minn naħa tal-Korp tal-Pulizija, fil-każ ta' Malta l-ispazju fil-kumpless tal-pulizija ġewwa ta' Kandja li huwa ta' madwar disa' t'elef u mitt metru kwadru, qed jintuża għall-vetturi li huma esibiti tal-Qrati, dawk suġġetti għal inkjesti, oħrajn li jkunu miżmuma għal investigazzjonijiet u bħalissa l-ispazju huwa limitat u jiġi determinat skont id-dħul u ħruġ tal-vetturi fil-post. Il-vetturi li jkunu rmunkati minħabba żgumbrar, mitluqa riżultat ta' kundizzjoni ħażina jew abbandunati, jiġu mpoġġija fi spazju privat provdut minn kuntrattur ġewwa tal-Ħandaq. Infurmat li fil-każ ta' Għawdex, irmunkar ta' vetturi li jkunu ta' ngombru u dawk mitluqa u/jew abbandunati, jiġu rmonkati minn kuntrattur u mpoġġija fi spazju privat provdut mill-istess kuntrattur, sakemm jitteħdu mis-sidien jew jiġu distrutti skont il proċeduri eżistenti. Infurmat li fil-każ tal-aġenzija LESA, jirmunkaw vetturi li jkunu ta' ngombru għall-permessi maħruġa mill-Kunsill Lokali, u ma joperawx fil-qasam ta' rmonk ta' vetturi li jkunu mitluqa u/jew abbandunati. Infurmat li l-vetturi rmunkati kważi kollha jinġabru lura mis-sidien minnufih. Ninsab infurmat illi skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-mutur u Oġġetti ta' Ingombru, hemm awtoritajiet, entitajiet oħrajn u Kunsilli Lokali li għandhom din ir-responsabbiltà.

Seduta 236
29/04/2024

**MARSAXLOKK- PIXXINA TAL-WATERPOLO – PROĠETT**

**18798. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Fid-dawl li saret kemm-il konferenza stampa, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proġett tal-pixxina tal-waterpolo ġewwa Marsaxlokk?

24/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**MARSAXLOKK- PIXXINA TAL-WATERPOLO - PROĠETT**

**18799. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett tal-pixxina tal-waterpolo ġewwa Marsaxlokk għadux ser isir? Jekk fl-affermattiv, jista' jindika xi tip ta' timeline għal dan il-proġett tant bżonnjuż mhux biss għax-Xlukkajri, iżda għan-naħa t'isfel kollha ta' Malta li tant hi nieqsa minn proġetti bħal dawn?

24/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**WAITING LISTS - OPERAZZJONIJIET FIL-PRIVAT IMĦALLSA MILL-GVERN**

**18800. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed isiru operazzjonijiet fil-privat imħallsa mill-Gvern biex jindirizza l-problema tal-istennija tal-waiting list?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil-Onor. Interpellant illi mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Marzu 2024 saru 1975 operazzjoni fil-privat li kienu mħallsa mill-Gvern.

Seduta 236
29/04/2024

**TAXXA FUQ L-OVERTIME**

**18808. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabret taxxa fuq l-overtime bir-rata ta' 15% matul is-snin 2022 u 2023?

24/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-taxxa fuq l-overtime bir-rata ta' 15% għas-sena 2022 kienet tammonta għal €17,664,941.
L-informazzjoni dwar is-sena 2023 tkun tista' tingħata lejn l-aħħar ta' Ġunju meta jitlesta l-proċessar tal-Final Settlement System data għall-2023.

Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - RESIDENZI PRIVATI - ĊENSIMENT**

**18841. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk qattx sar ċensiment dwar kemm għad hawn tankijiet tal-asbestos f'residenzi privati?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - RESIDENZI PRIVATI - MARD SERJU**

**18842. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kellux rapporti ta' mard serju minn nies li għad għandhom tankijiet tal-asbestos fir-residenzi tagħhom?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PREKAWZJONIJIET META JITWAQQGĦU DJAR**

**18843. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jittieħdu prekawzjonijiet meta jitwaqqgħu djar li fihom ikun għad hemm tankijiet tal-asbestos?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PERIKLU GĦALL-ĦADDIEMA TAL-KOSTRUZZJONI**

**18844. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni jiġux mgħarrfa dwar il-periklu li jista' jinħoloq meta jkunu qed jinqalgħu tankijiet tal-asbestos?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PREKAWZJONIJIET QABEL JITWAQQGĦU DJAR**

**18845. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi prekawzjonijiet qed jittieħdu qabel ma titwaqqa' dar li jinstab li fiha hemm tankijiet tal-asbestos?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 236
29/04/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - ĦADDIEMA PROFESSJONALI**

**18846. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk meta jinstabu tankijiet tal-asbestos humiex jissejħu timijiet ta' ħaddiema professjonali li jafu kif jiddisponu minn dan il-materjal tant perikoluż?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**MEMORANDUM OF UNDERSTANDING - GRAWNDS TAL-FUTBOL**

**18862. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta jiġi onorat il-Memorandum of Understanding (MoU) li kien sar qabel l-Elezzjoni Ġenerali li għaddiet bejn il-Gvern, u l-klabbs li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, fejn kemm il-grawnd tal-Imtarfa kif ukoll il-grawnd il-ġdid li kellu jsir (mhux fir-Rabat) viċin l-iskola Sekondarja San Nikola, f'Ħad-Dingli, jgħaddu f'idejn dawn l-imsemmija klabbs rispettivament?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 236
29/04/2024

**ĦLAS TA' FLUS EX GRATIA**

**18863. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul is-snin 2013 u 2024 tħallsux flus bħala ex gratia mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, lil xi ħaddiem, Kap Eżekuttiv, Chairman, jew persuni oħra ingaġġati minnu? Jekk iva, jista' jgħid lil min, kemm kien l-ammont ta' flus li ngħata u għal liema raġuni?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 236
29/04/2024

**ĦLAS TA' FLUS EX GRATIA**

**18864. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul is-snin 2013 u 2024 tħallsux flus bħala ex gratia mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, lil xi ħaddiem, Kap Eżekuttiv, Chairman, jew persuni oħra ingaġġati minnu? Jekk iva, jista' jgħid lil min, kemm kien l-ammont ta' flus li ngħata u għal liema raġuni?

25/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li r-risposta hija fin-Negattiv.

Seduta 236
29/04/2024